

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 625/2012**tal-11 ta' Lulju 2012****li jistipula l-koeffiċjent ta' allokazżjoni applikabbli għat-talbiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa mid-29 ta' Ġunju sas-6 ta' Lulju 2012 skont il-subkwota III fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1067/2008 għall-qamħ komuni ta' kwalità għajr dik superjuri**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament "Waħdieni dwar l-OKS")⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli rregolati minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008⁽³⁾ fetaħ kwota tariffarja annwali globali għall-importazzjoni ta' 3 112 030 tunnellata qamħ komuni ta' kwalità għajr dik superjuri. Din il-kwota tinqasam f'erba' subkwoti.
- (2) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1067/2008 jaqsam is-subkwota III (numru tas-serje 09.4125) f'erba' subperjodi trimestrali u ffissa l-kwantità ta' 594 597 tunnellata għas-subperjodu nru 3, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2012.
- (3) Mill-komunikazzjoni magħmula skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1067/2008, jidher li t-talbiet, magħmula skont l-Artikolu 4(1)(2) tal-imsemmi Regolament, mis-13:00, ħin ta' Brussell, tad-29 ta' Ġunju 2012 sas-13:00, ħin ta' Brussell, tas-6 ta' Lulju 2012, jeċċedu l-

kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi determinat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazżjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba.

- (4) Jeħtieġ ukoll li ma jinħarġux liċenzji għall-importazzjoni skont is-subkwota III msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1067/2008 għas-subperjodu kurrenti tal-kwota.
- (5) Sabiex tkun żgurata ġestjoni effettiva tal-proċedura tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kull talba għal liċenzja għall-importazzjoni tas-subkwota III msemmija skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1067/2008, imressqa mid-29 ta' Ġunju 2012 mis-13:00 sas-6 ta' Lulju 2012 fis-13:00, ħin ta' Brussell, tagħti lok għall-ħruġ ta' liċenzja għall-kwantitajiet mitluba assenjati skont il-koeffiċjent ta' allokazżjoni ta' 2,634753 %.

2. Il-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantitajiet mitluba mis-6 ta' Lulju 2012 fis-13:00, ħin ta' Brussell, tas-subkwota III msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1067/2008, huwa sospiż għas-subperjodu attwali tal-kwota.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.⁽³⁾ ĠU L 290, 31.10.2008, p. 3.